MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 539/2007

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER GRECH
VS
RYAN BARTOLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ryan Bartolo ta’ 18 sena, iben *missier mhux maghruf* u Antonia Bartolo imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Frar 1989, residenti numru ‘10’, Triq Sant. Ursula, l-Isla u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 171589(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-31 ta’ Marzu 2007 ghal habta tas-6:30p.m. waqt li kien fil-pont ta’ l-Isla:

1). Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta’ natura hafifa fuq Jason Delia skond ma certifika Dr. Edward Massa M.D. ta’ l-Isptar San Luqa, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2). Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru BBA 178 ta’ Ghamla Citroen ta’ Jason Delia mill-Isla, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta’ l-istess Martin Pace, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3). Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Jason u Anthony Delia u dan sabiex jingurjahhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4). Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5). Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi mbotta lill-imsemmi Jason Delia u dan sabiex twegghu jew tinsulentah u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi wara glieda bejn l-imputat u Jason u huh Anthony Delia, l-imputat kien wettaq xi hsarat fuq il-karozza ndikata fic-citazzjoni. Illi fil-mori tal-kawza, pero', l-kwerelanti haffru lill-imputat u xhedu illi mhumiex qed jippretendu xejn minghand l-imputat u irtiraw l-azzjoni kriminali.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------